MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 4/2014

**Eucharistico Gauci u Josephine Gauci**

**Vs**

**Topserv (Gozo) Limited.**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fit-13 ta' Frar 2014 li premezz tieghu l-atturi talbu r-rifuzjoni ta' € 3285.39 imhallsa minnhom lil kumpanija konvenuta indebitament.

Illi l-kumpanija konvenuta irrisspondiet billi eccepiet l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili; eccepiet ukoll illi ma ghandha taghti xejn anzi huma l-atturi li ghandhom jaghtuha.

Sema' x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' l-atti kollha.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum, ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni cioe dik tal-preskrizjoni.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u li qed tigi deciza b'din is-sentenza hija dik fit-termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta).

Dan l-artikolu jipprovdi:-

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Hawn si tratta ta' kawza ghal indebiti solution.

Wiehed irid jindaga jekk l-artikolu citat huwiex applikabbli jew le u f'kaz affermattiv jekk sehhx it-trapass taz-zmien u f'dak il-kaz jekk il-preskrizzjoni gietx b'xi mod interrotta, sospiza jew rinunzjata.

Jidher bic-car illi l-preskrizzjoni citata fl-artikolu 2156 (f) ma hijiex il-preskrizzoni applikabbli f'dan il-kaz. F'kaz bhal dak din it-Tibunal li bhall kull Qorti ta' kompetenza Civili hu prekluz minn li jissolleva l-preskrizzjoni ex ufficcjo, mhux tenut illi jindaga liema hu l-artikolu relattiv ta' preskrizzjoni u jekk l-obbligazzjoni hix perenta jew le. Gialadarba l-artikolu huwa citat hazin dan it-Tribunal ghandu kull jedd illi jieqaf hemm u jghaddi ghal-decizjoni ta' cahda ta' dik l-eccezzjoni.

Izda ghal kull bwon fini dan it-Tribunal ihoss li ghandu jindika illi l-artikolu korrett f'materja bhal din huwa l-artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta Malta. Dan l-artikolu jipprovdi;

*'L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.'*

Anke kieku wiehed kellu japplika dan l-artikolu ghal kaz in ezami xorta wahda jirrizulta illi l-azzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi. L-preskrizzjoni f'dan il-kaz tibda tiddekorri minn dak il-jum li fih jigi skopert l-hlas bi zball. Dan jghidu l-kliem ta' l-istess ligi, u gie elaborat f'diversi sentenzi fosthom **Simon Rose vs Dr. Alessandro Chapelle** (PA 1 ta' Lulju 1878 - Vol VIII-553) kif ukoll **Lorenzo Galea Montebello vs Dr Giusepe Caruana Montaldo noe et** (PA 30 ta' Marzu 1914 – Vol. XXII – II – 227). Interessanti f'dan ir-rigward l-insenjament maghmul fis-sentenza moghtija mill- Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Frar 1958 fl-ismijiet **Edward V. Spiteri vs Francis A. Falzon** (Vol XLII – I – 680) fejn il-Qorti irriteniet illi l-ligi hija cara u l-preskrizzjoni tiddekori mhux mid-data li fiha l-persuna setghet tiskopri l-hlas indebitu izda mid-data li fiha tiskopri

l-hlas. Il-Qorti qalet li gialadarba dan kien il-kliem tal-ligi kuntrarjament ghal artikoli ohrajn, dak il-kliem ried jigi rispettat u ma setghax jinghata interpretazzjoni lata.

L-attur jghid illi huwa skopra l-hlas indebitu meta bdew jinqalghu l-kwistjonijiet fis-sena 2013. Din il-verzjoni imkien ma giet kontradetta. Dan it-Tribunal ma jhossx illi l-verzjoni ta’ Eucharist Gauci f’dan is-sens ma ghandiex tigi emmnuta, ghaliex anke John Cefai tal-kumpanija konvenuta xhed fis-sens illi kien fis-sena 2013 illi bdew jiskambjaw il-korrispondenza; u jghid illi bejn is-sena 2009 u is-sena 2013 huma qatt ma tkellmu bejniethom fuq pendenzi. Kollox kellu l-inizju tieghu meta fis-sena 2013 John Cefai ghal-kumpanija konvenuta bghat ittra fejn irreklama xi hlas. F’dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal jemmen illi l-verifika tal-kontijiet saret f’dik l-epoka u kien f’dak iz-zmien li l-atturi ndunaw bl-izball.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha  l-eccezzjoni tal-prekrizzjoni qed tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------